# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI
## ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 9 ta' Mejju, 2024.**

**Numru 20**

**Rikors numru 786/17/1 TA**

**Peter Plant Limited (C-24242)**

**v.**

**Water Services Corporation**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, nhar is-26 ta' Ġunju, 2020, li biha ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-Korporazzjoni, filwaqt li laqgħet it-talbiet ta' Peter Plant Limited billi: (i) sabet lill-Korporazzjoni responsabbli li kisret il-ftehim li daħal fis-seħħ

bejnha u bejn Peter Plant Limited fit-2 ta' Mejju, 2016; (ii) illikwidat id-danni mġarrba minn Peter Plant Limited fl-ammont ta' €74,178.60; u (iii) ikkundannat lill-Korporazzjoni tħallas lil Peter Plant Limited dak l-ammont hekk kif likwidat, bl-imgħax kummerċjali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-pagament dovut sal-ħlas tal-pagament effettiv, flimkien mal-ispejjeż kollha tal-kawża.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fid-29 ta' Awwissu, 2017, Peter Plant Limited fissret li hija kienet daħlet fi ftehim mal-Korporazzjoni intimata li jġib l-isem ta' *«Call off from Framework Agreement CT 2133/2013 for the execution of minor pipe and road works [for] the Water Services Corporation – Lot 15 – Contract for the Execution of Minor Pipe and road works in the South region for a period of one (1) year»*. Kif jixhed isem il-kuntratt stess, dan il-ftehim sar bil-għan li Peter Plant Limited twettaq numru ta' xogħlijiet żgħar fuq is-sistema tad-distribuzzjoni tal-ilma f'Malta, bħal konnessjonijiet ġodda ta' servizzi tal-ilma, tiswijiet fuq il-mejns ta' distribuzzjoni, u tibdil tal-arloġġi tal-ilma (*'water meters'*), skont kif speċifikat fil-ftehim qafas (*framework agreement*) li jġib in-numru CT2133/2013 (ara 'Dok A', f'paġna 6 tal-atti tal-kawża).

3. Tgħid li dan il-ftehim kien jispeċifika li kellu jdum ħaj għal tnax-il

xahar jew inkella għal żmien iqsar f'każ li l-valur tax-xogħlijiet mogħtija lilha kien ser jilħaq l-ammont ta' €79,880, b'danakollu hija tistqarr li fil-prattika, dak il-ftehim kien jiġġedded wara l-iskadenza tiegħu sa massimu ta' tliet snin. Tilmenta li l-Korporazzjoni intimata ma mxietx ma' dan il-ftehim, billi minn xi żmien f'Lulju tas-sena 2016 'il quddiem, u sewwasew fi żmien li matulu l-ftehim kien għadu jorbot lill-partijiet, il-Korporazzjoni waqfet tgħaddilha x-xogħol, u dan minkejja li ma kellha l-ebda raġuni siewja fil-liġi għalfejn tagħmel hekk.

4. Fuq ix-xilja li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kisret il-ftehim imsemmi, kif ukoll fuq il-premessa li dak il-ksur ġarrbilha l-ħsara, inkluż it-telf ta' qligħ, Peter Plant Limited talbet lill-Ewwel Qorti sabiex:

> *«1. tiddikjara u tiddeċiedi illi l-Korporazzjoni intimata hija responsabbli ta' ksur tat-termini tal-ftehim viġenti bejn il-partijiet;*
>
> *2. tillikwida d-danni sofferti mis-soċjetà rikorrenti;*
>
> *3. tikkundanna lill-istess Korporazzjoni intimata għall-ħlas tal-ammont hekk likwidat;*
>
> *4. tillikwida l-imgħaxijiet kummerċjali mid-data tad-dovut pagament;*
>
> *5. tikkundanna lill-istess Korporazzjoni intimata għall-ħlas tal-imgħaxijiet likwidati;*
>
> *Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-Protest Ġudizzjarju tas-26 ta' Ġunju 2017.»*

5. Bi tweġiba mressqa fil-31 ta' Ottubru, 2017, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma laqgħet għal din il-kawża billi ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

> *«1. Illi t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt in*

*vista tan-nuqqasijiet da parti tas-soċjetà rikorrenti stess sabiex tonora l-obbligi tagħha ai termini tal-kuntratt fosthom li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti;*

*2. Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-pretensjoni tas-soċjetà rikorrenti għall-estensjoni tal-kuntratt de quo hija infondata fil-fatt u fid-dritt;*

*3. Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, il-Korporazzjoni esponenti teċepixxi l-intempestività tal-kawża odjerna stante l-Korporazzjoni esponenti kienet minkejja nuqqasijiet da parti tas-soċjetà rikorrenti fix-xogħlijiet eżegwiti, abbażi ta' 'good will' u mingħajr preġudizzju għad-drittijiet tagħha ħallset lis-soċjetà rikorrenti għax-xogħol li eżegwiet. Inoltre, is-soċjetà rikorrenti ngħatat ċans ieħor sabiex teżegwixxi ammont ieħor ta' xogħlijiet taħt sorveljanza aktar stretta iżda kienet is-soċjetà rikorrenti li baqgħet ma resqitx biex teżegwixxi tali xogħlijiet;*

*4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jinkombi fuq is-soċjetà rikorrenti sabiex tressaq prova tad-danni allegatament sofferti u fi kwalunwe każ, dawn huma ikkontestati.*

*5. Salv eċċezzjonijiet oħra.*

*Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà rikorrenti.»*

6. B'sentenza mogħtija fis-26 ta' Ġunju, 2020, l-Ewwel Qorti qatgħet din il-kawża bil-mod kif ġej:

*«Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:-*

*Filwaqt li **tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha** tal-Korporazzjoni Konvenuta;*

***Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara illi l-Korporazzjoni Konvenuta hija responsabbli ta' ksur tat-termini tal-ftehim li daħal fis-seħħ bejn il-partijiet fit-2 ta' Mejju 2016;*

***Tilqa' t-tieni talba attriċi** u tillikwida d-danni sofferti mis-Soċjetá Attriċi fl-ammont ta' erbgħa u sebgħin elf mija tmienja u sebgħin ewro u sittin ċenteżmu (€74,178.60).*

***Tilqa' t-tielet talba attriċi** u tikkundanna lill-istess Korporazzjoni Konvenuta għall-ħlas tal-ammont ta' erbgħa u sebgħin elf mija tmienja u sebgħin ewro u sittin ċenteżmu (€74,178.60) hekk likwidat;*

***Tilqa' r-raba' u l-ħames talbiet attriċi** u tillikwida imgħax kummerċjali però bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-pagament dovut sal-*

*ħlas tal-pagament effettiv.*

*Spejjeż tal-kawża għandhom ikunu kollha sopportati mill-Korporazzjoni Konvenuta.»*

7. Fost ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għal din ix-xorta ta' konklużjoni kien hemm dawn li ġejjin:

*« **<u>Punti ta' Liġi</u>***

*8. B'din l-azzjoni s-Soċjetà Attriċi qiegħda tippretendi ħlas ta' danni minħabba li l-Korporazzjoni Konvenuta naqset milli tagħtiha x-xogħlijiet wara l-bidu ta' Lulju 2016, jiġifieri ferm qabel it-2 ta' Mejju 2017 li hija d-data tal-iskadenza tal-ftehim inkwistjoni. Dan allavolja x-xogħlijiet li wettqet sa dak iż-żmien ma kinux komplessivament jammontaw għal €79,880 (ara r-raba' premessa).*

*9. B'din l-azzjoni għalhekk is-Soċjetà Attriċi qed tippretendi ħlas ta' danni minħabba ksur unilaterali tal-ftehim inkwistjoni abbażi tal-* ***Artikolu 1125 tal-Kodiċi Ċivili****, li «jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali applikabbli għal kull xorta ta' obbligazzjonijiet, u jagħti azzjoni għad-danni kontra min jonqos u jikser l-obbligazzjonijiet li jkun refa' fuq spallejh» (ara sentenza fl-ismijiet* ***Raffaele Mallia v. Francesco Portanier et****, Appell Ċivili, 27 ta' April, 1936).*

*10. Id-danni li tirreferi għalihom il-liġi huma dawk kontemplati fl-* ***Artikolu 1135****, jiġifieri t-telf li bata u l-qligħ li jkun intilef. Fil-kawża* ***Saviour Muscat v. Sam Pantalleresco*** *datata 20 ta' Novembru 2009, il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) il-Qorti ppreċiżat li, «Naturalment, inkwantu l-Artikolu 1135 suċċitat isemmi sija t-telf subit sija l-gwadann mankat, id-dispożizzjoni ma tistax ma tkunx interpretata u intiża bħala espressjoni ta' dak il-prinċipju li ma jkunx riżarċit biss il-valur tal-oġġett fis-suq iżda, ukoll, il-konsegwenzi patrimonjali negattivi kollha li l-inadempjenza ġġib fis-seħħ. Li jfisser, allura, sija d-dannu emerġenti, kif ukoll il-lucrum cessans. Dan f'sens reali u mhux sempliċement ipotetiku jew dipendenti minn fatturi inċerti.»*

***<u>Konsiderazzjonijiet</u>***

*11. Is-Soċjetà Konvenuta laqgħet għal din l-azzjoni billi, inter alia, eċċepiet in-nuqqas tas-Soċjetà Attriċi sabiex tonora l-obbligi tagħha ai termini tal-kuntratt fosthom li x-xogħol ma sarx skont is-sengħa u l-arti (ara l-ewwel eċċezzjoni a fol 32). Dan ifisser li l-Korporazzjoni Konvenuta qed tinvoka d-difiża tal-exceptio inadempleti contractus jew, kif inhi aħjar magħrufa, l-eċċezzjoni inademplenti non est ademplendum.*

*12. It-tagħlim fuq din l-eċċezzjoni insibuh fis-Sentenza mogħtija mill-*

*Qorti tal-Appell (per Imħallef Philip Sciberras) deċiża fl-20 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet* ***Engineering Services Limited v. Reuters Malta Limited****:*

> *«hu paċifikament akkolt illi tali eċċezzjoni «tista' tiġi sollevata b'mod ġenerali relattivament għall-kuntratti sinallagmatiċi jew korrispettivi kollha, u mhux biss fejn il-liġi tipprovdi għaliha speċifikatament, u barra minn dan l-eċċezzjoni tista' tiġi sollevata anke indipendentement mid-dritt tar-riżoluzzjoni tal-kuntratt bis-saħħa tal-patt kommissorju taċitu» – '****Carmelo Cremona -vs- Victor Angilieri****', Prim'Awla, Qorti Ċivili, per Imħallef Maurice Caruana Curran, 11 ta' Ottubru 1966. L-eċċezzjoni hi għalhekk maħsuba biex takkorda rimedju lil dak li jkun kontra r-riskju tal-inadempiment da parte ta' dak ħaddieħor li miegħu kkuntrattat. F'dan is-sens hi orjentata l-ġurisprudenza tagħna.*
>
> *Gwida apprezzevoli għall-insenjamenti kontenuti fiha hi s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kummerċjali tat-12 ta' Marzu 1965 fil-kawża fl-ismijiet '****Emmanuele Aquilina –vs- Salvatore Aqilina et****'. Fiha jingħad illi «din l-eċċezzjoni hi poter mogħti lill-kontraenti li bih, fil-konkorrenza ta' ċerti ċirkostanzi, hu jista' jastjeni ruħu milli jadempixxi l-prestazzjoni tiegħu. B'dik l-eċċezzjoni hu jipparalizza l-azzjoni avversarja inkwantu li, minħabba fiha, l-attur li ma jkunx hu stess eżegwixxa l-obbligazzjoni tiegħu, ma jkunx jista' jottjeni l-adempiment tal-kontroprestazzjoni u jkollu jissubixxi dik is-sitwazzjoni.»*
>
> *F'dawn id-deċiżjonijiet appena riferiti jingħad li r-rekwiżiti biex din l-eċċezzjoni tirnexxi huma li: (1) l-inadempjenza tal-attur tkun tolqot xi obbligu tiegħu li jkun parti integrali tal-ftehim; (2) l-inadempjenza trid tkun verament imputabbli lill-attur; u (3) irid ikun hemm proporzjonalità bejn l-inadempjenzi tal-partijiet, ċjoè li n-nuqqas tal-attur, relattivament għall-prestazzjoni li hu jesiġi mingħand il-konvenut, ikun ta' ċerta gravità....*
>
> *Fil-kumpless tagħhom dawn il-mankanzi ma jistgħux fil-fehma anke ta' din il-Qorti jitqisu trivjali, u l-inadempjenza, s-serjetà u d-durata tagħhom, ma jistgħux jiġu injorati sempliċiment għaliex fil-fehma ta' l-appellanti ma nġiebet l-ebda prova teknika. Kif ritenut fid-duttrina u l-ġurisprudenza Taljana, «l'eccezione d'inadempimento è generalmente ritenuta opponibile non solo nel caso di inadempimento, bensì anche nel caso di inesatto adempimento, più precisamente qualificata come "non rite adempleti contractus".» (****Persico*** *"L'eccezzione d'inadempimento")*
>
> *Issa filwaqt li fil-każ tas-sempliċi inadempiment «il fondamento dell'eccezzione non deve essere provato dall'eccepiente convenuto; sara invece l'attore che dovrà dare la prova di avere gia adempiuto o di essere pronto ad adempiere» (****C 98/5306****) – għalkemm f'sens kuntrarju irid jingħad ukoll illi teżisti ġurisprudenza li ssostni li «spetterebbe all'eccipiente dare la prova dell'inadempimento dell'attore» (****C 81/6670****) – fil-każ tal-eċċezzjoni 'non rite adempleti contractus' hemm konkordanza illi «graverebbe sull'eccipiente l'onere di dimostrare tale inesattezza» (****C 00/1457; C 96/9825****).*
>
> *Applikat dan it-tagħlim għall-każ tagħna, anke mingħajr il-prova*

*teknika, li del resto ma kinitx hekk impellenti li ssir, is-soċjetà konvenuta rnexxielha tiddiżimpenja l-oneru, kemm jekk si trattava ta' inadempjenza ġenerika kemm jekk si tratta minn inadempjenza kwalifikata, kif fuq manifest, illi s-soċjetà attriċi ma adempietx doverożament il-prestazzjonijiet kontrattati minnha. Din l-inadempjenza ma kinitx waħda marġinali inkwantu, kif dimostrat, kienet teffettwa l-kważi ġeneralità tax-xogħol intrapreż mill-attur (**Carmelo Mallia –vs- Ivan John Fonk**, Appell Ċivili, 24 ta' Jannar 1975). B'konsegwenza meta tirriżulta l-eżistenza ta' ċerta gravità fl-inadempjenza, l-konvenut, kif ritenut, għandu d-dritt ikollu jopponi l' 'exceptio non rite adempleti contractus' ("**Francis Spiteri nomine –vs Emmanuele Cassar**", Appell Ċivili, 14 ta' Marzu 1975; '**Norman Spiteri et nomine vs Avukat Giuseppe Borg Olivier de Puget nomine**', Appell Kummerċjali, 15 ta' Novembru 1989).»*

*13. Il-Qorti issa sejra tgħaddi biex tapplika dan l-insenjament għall-każ in eżami u tqis jekk ġewx sodisfatti r-rekwiżiti għas-sodisfaċiment ta' din l-eċċezzjoni.*

*14. L-Inġinier Stefan Riolo fil-kwalità tiegħu bħala Chief Operations Officer mal-Korporazzjoni Konvenuta, spjega fl-affidavit tiegħu li l-kwalità tax-xogħol tas-Soċjetà Attriċi ma kienx adegwat u skont il-kundizzjonijiet tal-kuntratt kif stipulat fl-artikolu 39 tal-kuntratt b'referenza WSC 202/12/19 hemm mehmuż mal-istess affidavit (ara kuntratt a fol 211 u xhieda a fol 161).*

*15. Kif diġà ngħad fil-fatti senjalati supra, dan il-kuntratt ma huwiex dak li fuqu qed tibbaża l-kawża s-Soċjetà Attriċi. Fil-fatt dan tal-aħħar iġib in-numru ta' referenza WSC 202/13/19 u mhux WSC 202/12/19. Madankollu ladarba l-oġġett ta' dawn iż-żewġ kuntratti huwa identiku u għandu bħala bażi l-istess framework agreement, il-Qorti tifhem li l-general conditions formanti parti mill-ftehim preżentat mill-Korporazzjoni Konvenuta u l-general conditions formanti parti mill-ftehim preżentat mis-Soċjetà Attriċi (u li l-Qorti hija sprovvista minnhom għaliex ma ġewx preżentati) huma bl-istess mod identiċi. Il-partijiet stess iddikjaraw dan fil-verbal tat-18 ta' Frar 2020 a fol 258. Is-Soċjetà Attriċi fil-fatt fl-ebda ħin ma kkontestat ir-relevanza tal-artikolu 39 li fuqu l-Korporazzjoni qed tibbaża din l-eċċezzjoni. Din il-Qorti għalhekk ser tqis dan l-artikolu 39 bħala li kien ukoll inkluż fil-general conditions li jiffurmaw parti integrali mill-ftehim preżentat mis-Soċjetà Attriċi u li fuqu hija sejset din il-kontenzjoni.*

*16. Din l-inadempjenza fil-kwalità tax-xogħlijiet eżegwiti mis-Soċjetà Attriċi skont il-kundizzjonijiet stipulati fl-artikolu 39 imsemmi, ġiet ippruvata b'rapport preżentat mill-Inġinier Gino Micallef fil-kwalità tiegħu ta' Regional Manager, South Region fi ħdan il-Korporazzjoni Konvenuta (ara a' fol 81). Ma hemmx kontestazzjoni li x-xogħlijiet elenkati fl-istess kif hemm fotografati ma humiex skont l-istandards li teżiġi l-Korporazzjoni Konvenuta. L-ewwel kweżit għall-eċċezzjoni sollevata mill-Korporazzjoni għalhekk jingħad li ġie sodisfatt.*

*17. Il-Qorti tinnota iżda, li r-ritratti kompilati f'dan ir-rapport ġew meħuda minn Jonathan Sciberras iktar minn sena wara li saru l-istess xogħlijiet (ara xhieda ta' Jonathan Sciberras a fol 114), preċiżament ftit ġranet qabel ma kien se jiskadi l-kuntratt mertu ta' dawn il-proċeduri. Dan ifisser li, fi żmien li dawn ir-ritratti ġew meħuda, is-Soċjetà Attriċi kienet diġà ilha disa' xhur ma tiġi assenjata xogħol mill-Korporazzjoni Konvenuta. Dan il-fatt jitfa' dubju fuq kemm id-deċiżjoni tal-Korporazzjoni Konvenuta li twaqqaf milli tassenja xogħol lis-Soċjetà Attriċi kienet fil-fatt xprunata mill-kwalità tax-xogħol eżegwit mis-Soċjetà Attriċi.*

*18. Il-fatt li r-ritratti huma miġbudin is-sena ta' wara, ikompli jitfa' wkoll dubju fuq kemm l-inadempjenza murija fl-istess tista' tkun imputabbli lis-Soċjetà Attriċi u dan sabiex ikun sodisfatt it-tieni kweżit tal-eċċezzjoni non adempliti contractus fis-sens kif spjegata ġurisprudenzjalment.*

*19. F'dan ir-rigward il-Korporazzjoni Konvenuta preżentat e-mail li hija bagħtet lis-Soċjetà Attriċi fit-23 ta' Mejju 2017 (a fol 95). F'din l-email il-Korporazzjoni Konvenuta hija stess esprimiet id-dubju fuq kemm l-inadempjenza hija imputabbli lill-attur. Dan minħabba tlett raġunijiet hemm dikjarati. Min-naħa tagħha s-Soċjetà Attriċi wkoll issostni li din l-inadempjenza ma hijiex imputabbli lilha. Dan minħabba li x-xogħol elenkat fir-rapport imsemmi ma ġiex fil-fatt eżegwit minnha (ara affidavit ta' Peter Montebello a fol 38 para 9, xhieda ta' Peter Montebello a fol 98, xhieda Stephen Cassar a fol 96).*

*20. Il-Qorti iżda m'għandhiex għalfejn tikkunsidra jekk ix-xogħol fotografat fir-rapport tal-Inġinier Gino Micallef huwiex tassew dak tas-Soċjetà Attriċi. Il-Qorti wasslet għal din il-konklużjoni għaliex l-istess e-mail tal-Korporazzjoni tikkostitwixxi minnha nnifisha prova li timmilita kontra s-suċċess tal-eċċezzjoni non adempliti contractus imqajma mill-Korporazzjoni. Din l-email fil-fatt turi inkonfutabbilment in-nuqqas ta' sodisfazzjon tat-tieni kweżit tal-istess.*

*21. Il-Qorti sejra għaldaqstant tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Korporazzjoni Konvenuta u tgħaddi biex tqis it-tieni eċċezzjoni.*

*[…]*

*29. Il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tqis it-tielet eċċezzjoni tal-intempestività u mill-ewwel tikkonkludi li l-istess ma tistax treġi.*

*30. Il-Korporazzjoni turi din il-'good will' tagħha li tagħti ċans ieħor lis-Soċjetà Attriċi sabiex teżegwixxi ammont ieħor ta' xogħlijiet minn din l-e-mail li hija bagħtet lis-Soċjetà Attriċi a fol 95. Din l-email tassew tesprimi li, minħabba dan id-dubju li hija kellha rigward il-kwalità tax-xogħol tas-Soċjetà Attriċi, il-Korporazzjoni mhux biss kienet lesta li tħallasha xorta waħda għax-xogħol li hija ġa eżegwiet, iżda li se tassenja lill-istess ħamsin biċċa xogħol oħra «with immediate effect».*

*Fl-istess e-mail il-Korporazzjoni Konvenuta wriet ukoll l-intenzjoni tagħha li tispezzjona dawn il-ħamsin biċċa xogħol b'iktar skrutinju sabiex taċċerta li dawn ġew eżegwiti b'konformità mal-istandards tagħha.*

*31. Is-Soċjetà Attriċi min-naħa tagħha kkonfermat li rċeviet din l-email u anke li rċeviet ħlas għax-xogħol ġa eżegwit fl-ammont ta' €5,701.40 (ara xhieda Stephen Cassar a fol 51 , 96 u 97 u Peter Montebello a fol 235; ara wkoll kopja taċ-ċekk a fol 218 preżentat mill-Inġ Gino Micallef).*

*32. Din l-email iżda ntbagħtet fit-23 ta' Mejju 2017, jiġifieri <u>meta il-kuntratt in kontestazzjoni kien diġà ilu ġimagħtejn li skada u fi żmien meta s-Soċjetà Attriċi kienet ilha iktar minn disa' xhur ma tingħata xogħol mill-Korporazzjoni Konvenuta</u>. Tabilħaqq il-Korporazzjoni Konvenuta ddeċidiet twaqqaf milli tkompli tassenja xogħol lis-Soċjetà Attriċi ħafna qabel ma bagħtet din l-email, preċiżament f'Lulju tas-sena 2016 (ara premessa numru 4 u xhieda ta' Jonathan Sciberras a fol 114). Apparti minn hekk u minkejja din l-email, is-Soċjetà Attriċi tinsisti li l-Korporazzjoni Konvenuta xorta baqgħet m'assenjatilha l-ebda xogħol (ara affidavit ta' Peter Montebello a fol 38 para 8).*

*33. Il-Korporazzjoni Konvenuta min-naħa tagħha kkonfermat li dawn il-ħamsin biċċa xogħol oħra qatt ma saru. Skont l-Inġinier Stefan Riolo (ara affidavit a fol 161) u l-Inġinier Gino Micallef (ara l-aħħar xhieda a fol 224 faċċata 2), ir-raġuni għal dan kienet imputabbli lis-Soċjetà Attriċi għaliex hi għażlet li ma tipproċediex bil-kuntratt billi ma tmurx ir-reġjun ta' Nofsinhar Kordin sabiex tiġbor il-50 biċċa xogħol l-oħra (ara xhieda ta' Jonathan Sciberras a fol 94 u affidavit a fol 161).*

*34. Din il-verżjoni ta' dawn iż-żewġ inġiniera hija però kontradetta kemm mix-xhieda tal-impjegati stess tal-Korporazzjoni, kif ukoll mix-xhieda preċedenti tagħhom stess. Tabilħaqq, fix-xhieda tiegħu, l-Inġinier Stefan Riolo jikkonferma li «l-kuntrattur Peter Plant ... ... ġie mwaqqaf awtomatikament li jingħata iktar xogħol» (a fol 61). L-Inġinier Gino Micallef jixhed li «waqafna sa 47 fejn ittieħed, ħa dak il-payment bil-good will u waqafna hemmhekk.» (a fol 216 faċċata 2. John Agius, qua team leader fi ħdan il-Korporazzjoni, ikkonferma dak sostnut minn Peter Montebello fl-affidavit tiegħu meta xehed is-segwenti:*

> *«**Dr. Patrick Galea**: Int qatt irċevejt xi ordni biex ma jagħtuhx xogħol iżjed?*
>
> ***Xhud**: Iva. Darba fost l-oħrajn avviċinawni l-kbarat tiegħi u qaluli ma ntihx xogħol sakemm ikolli l-ordni minn għandhom.*
>
> ***Dr. Patrick Galea**: U dal-kbarat taf min huma?*
>
> ***Xhud**: Il-Managers ta' fuqi.*
>
> ***Dr. Patrick Galea**: Għandhom isem dawn? X'jisimhom?*

***Xhud**: Nista' nsemmih?*

***Dr. Patrick Galea**: Bil-ġurament qiegħed hux.*

***Xhud**: David Pace.*

***Dr. Patrick Galea**: David Pace. Tak raġuni s-Sur Pace*

***Xhud**: Le ma tawilix.*

***Dr. Patrick Galea**: Kien hemm xi complaints jiġifieri biex qallek hekk?*

***Xhud**: Ma nafx. Jien minn Peter qatt ma kelli qalli li għandu xi complaints u min-naħa tal-Water Service qatt ma qaluli li hemm xi complaints għax dawk jarawhom il-kbarat tal-Water Service. Ma nkunx naf.*

***Dr. Patrick Galea**: Wara, dax-xogħol li kont tagħti lil Peter beda jingħata lil xi ħaddieħor?*

***Xhud**: Bħala proċedura peress li jkollna ħafna xogħol involut u dik il-ħabta jkollna l-ħsarat jiena avviċinajt lil ta' fuqi u għidtlu x'ħa jiġri. U tani kuntrattur ieħor.»*

*35. Min-naħa tiegħu David Pace, operations manager fi ħdan il-Korporazzjoni Konvenuta, meta mistoqsi, ħarab mill-mistoqsija u kien kemm xejn evażiv meta qal li mexa ma' kif kien qed jimxi Saviour Baldacchino għax kien qed jitgħallem mingħandu (ara xhieda a fol 62). Iżda Saviour Baldacchino, eks operations manager fi ħdan il-Korporazzjoni Konvenuta u llum pensjonant, meta mistoqsi jekk qattx kellu xi problemi mas-Soċjetà Attriċi xehed b'dan il-mod: «Meta kien hemm xi problemi dejjem solvejnihom. Jiġifieri jekk inhu rigward ta' xogħol jew xi ħaġa.»*

*36. Fl-isfond ta' din l-evidenza fattwali u anke testimonjali, din il-Qorti hija moralment konvinta li, għalkemm fl-email inkwistjoni l-Korporazzjoni wriet ir-rieda li tkompli tassenja xogħol lis-Soċjetà Attriċi, fir-realtà d-deċiżjoni li ħadet kienet li ma tassenjalhiex iktar xogħol għal raġunijiet li jmorru lil hinn mill-kwalità tax-xogħol eżegwit mill-istess Soċjetà Attriċi. Din id-deċiżjoni seħħet bi vjolazzjoni anke tal-imsemmi artikolu 39 tal-General Conditions fejn jispeċifika li l-kuntrattur irid jeżegwixxi ħamsin biċċa xogħol qabel mal-Korporazzjoni tqis jekk dawn ix-xogħlijiet ġewx eżegwiti sodisfaċentement. Is-Soċjetà Attriċi ġiet imwaqqfa qabel ma eżegwiet il-ħamsin biċċa xogħol, preċiżament wara li lestiet sebgħa u erbgħin xogħlijiet (ara l-email stess a fol 95). Isegwi għalhekk li din il-Qorti sejra tiċħad it-tielet eċċezzjoni u tilqa' l-ewwel talba attriċi.*

*<u>Danni sofferti</u>*

*37. Jmiss li jkunu likwidati d-danni sofferti mis-Soċjetà Attrici. Din qed*

*tipprospetta telf ta' qligħ kalkulat fuq medda ta' tliet snin (ara prospett ta' telf ta' qligħ ippreżentat minnha a fol 25). Huwa ċar iżda, li l-kuntratt li fuqu hija ibbażat din l-azzjoni kellu validità ta' sena li permezz tiegħu l-konsiderazzjoni li hija kellha titħallas għax-xogħol minnha eżegwit ma kellux jaqbeż id-€79,880.00 (ara klawsola 5 a fol 7). Dan ifisser li l-ammont dovut lilha għalhekk huwa €79,880.00 nieqes l-ammont ta' €5,701.40 li diġà ġie mħallas lilha mill-Korporazzjoni Konvenuta. Isegwi li l-ammont dovut lis-Soċjetà Attriċi bħala danni sofferti minnha huwa ta'* ***€74,178.60***.»

8. Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ħassitha aggravata b'din is-sentenza, u b'rikors tal-appell imressaq fis-16 ta' Lulju, 2020, talbet lil din il-Qorti sabiex: (i) tħassar is-sentenza appellata; (ii) tilqa' l-eċċezzjonijiet kollha tagħha; u konsegwentement (iii) tiċħad it-talbiet kollha tal-kumpanija appellata, bl-ispejjeż kollha kontra l-istess kumpanija.

9. Peter Plant Limited wieġbet għal dan l-appell fit-30 ta' Lulju 2020, u f'din it-tweġiba hija tat ir-raġunijiet tagħha għalfejn is-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata, filwaqt li l-appell tal-Korporazzjoni għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż.

10. Inżamm smigħ fil-15 ta' Frar, 2024, u minn hemmhekk l-appell tħalla biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

11. Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma qiegħda tiġbor l-ilmenti tagħha f'erba' aggravji, li fil-qosor ħafna huma dwar: (i) li l-Ewwel Qorti

wasslet għad-deċiżjoni tagħha fuq *«asserzjonijiet»* li ma jirriżultawx mill-atti, u dan b'mod partikolari billi kkonkludiet li hija waqfet milli tagħti aktar xogħol lill-kumpanija appellata, mhux minħabba l-kwalità tax-xogħlijiet li kienet qiegħda twettaq, iżda għal raġunijiet oħrajn; (ii) li l-Ewwel Qorti wettqet applikazzjoni ħażina tal-liġi għall-fatti tal-każ meta ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tagħha, li fiha qajmet id-difiża fuq il-massima legali ta' *inademplendi non est ademplendum*; (iii) li l-Ewwel Qorti żbaljat ukoll fil-likwidazzjoni tad-danni; u (iv) li f'kull każ, l-imgħaxijiet ma kellhomx jibdew jgħaddu bil-mod kif deċiż mill-Ewwel Qorti, iżda mid-data tas-sentenza.

12. Minħabba x-xorta tal-aggravji li tressqu, il-Qorti ser tkun qiegħda tibda billi qabel xejn tistħarreġ l-ilmenti li tniżżlu fit-**<u>tieni aggravju</u>**, u dan għaliex jekk jirriżultaw li huma mistħoqqa, l-iskop tal-bqija tal-aggravji jaqa' billi l-azzjoni ta' Peter Plant Limited tieqaf hemmhekk.

13. Kif ingħad aktar 'il fuq, fit-tieni aggravju l-Korporazzjoni appellanti qiegħda tilmenta dwar id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti sa fejn għandha x'taqsam maċ-ċaħda tal-ewwel eċċezzjoni tagħha, li fiha qajmet id-difiża tal-*exceptio inadimpleti contractus.*

14. Filwaqt li ma tikkontestax li hija kellha tissodisfa t-tliet elementi li jissemmew fis-sentenza appellata, il-Korporazzjoni qiegħda tilmenta li l-Ewwel Qorti żbaljat kemm għaliex ikkonkludiet li hija ma rnexxilhiex

tissodisfa t-tieni element tad-difiża tal-*exceptio inadimpleti contractus*, kif ukoll għaliex warrbet id-difiża tagħha b'mod prematur, billi mank biss stħarrġet jekk it-tielet rekwiżit ġiex sodisfatt minnha.

15. Sa fejn għandhom x'jaqsmu mal-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti dwar it-tieni rekwiżit, li jitlob li jkun hemm rabta diretta bejn l-għemil tal-parti attriċi u l-allegata inadempjenza, il-Korporazzjoni tfisser li l-Ewwel Qorti sejset il-konklużjonijiet tagħha fuq *email* tas-27 ta' Mejju, 2017 (ara Dok PP2, f'paġna 95 tal-atti tal-kawża) mingħajr biss ma qieset sewwa dak li jirriżulta mill-bqija tal-provi. Fid-dawl ta' dan, il-Korporazzjoni qiegħda tinsisti li l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġonevolment tikkonkludi li hija ma rnexxilhiex tipprova li kienet il-kumpanija appellata li għamlet ix-xogħlijiet ħżiena li jidhru fir-ritratti stampati fir-rapport li tressaq mill-Inġinier Gino Micallef (ara Dok PP1, f'paġna 81 tal-atti tal-kawża).

16. Filwaqt li tistqarr li l-Ewwel Qorti sabet ma' wiċċha żewġ verżjonijiet kunfliġġenti, peress li r-rappreżentant tal-kumpanija appellata xehed li x-xogħlijiet li jidhru fir-ritratti tar-rapport tal-Inġinier Micallef ma ġewx maħduma minn Peter Plant Limited, il-Korporazzjoni tisħaq li l-Ewwel Qorti kellha temmen il-verżjoni tax-xhieda tagħha u dan għaliex dik il-verżjoni kienet imsaħħa bi provi oħrajn, li fi kliemha huma ċari u li ma jħallux dubju li dawk ix-xogħlijiet tassew twettqu mill-kumpanija appellata.

17. F'dan ir-rigward, il-Korporazzjoni tirreferi għall-*job sheets* li jiddokumentaw ix-xogħlijiet li hija tat lill-kumpanija appellata (ara Dok JS5, f'paġ. 115 sa 153 tal-atti tal-kawża), u targumenta li kemm minn dawk id-dokumenti kif ukoll mix-xhieda ta' Jonathan Sciberras, l-Ewwel Qorti kellha tkun sodisfatta li x-xogħlijiet ħżiena li jidhru fir-ritratti tar-rapport tal-Inġinier Gino Micallef, tassew twettqu minn Peter Plant Limited.

18. Fi sfond bħal dan, il-Korporazzjoni tfakkar li f'dan il-qasam tal-liġi, il-prova li għandha tinġieb għall-konvinċiment morali tal-ġudikant hija fuq bażi ta' probabbiltajiet u mhux lil hemm minn kull dubju raġonevoli bħal dik fil-qasam kriminali. Kemm fid-dawl ta' dan, kif ukoll fil-kuntest tal-argumenti li għadha kif saret referenza għalihom, l-appellanti tisħaq li l-Ewwel Qorti kellha għalhekk issib li t-tieni element tad-difiża ta' *inademplenti non est ademplendum* kien sodisfatt u mhux bil-kontra.

19. Il-Korporazzjoni tissokta mbagħad billi tilmenta li l-Ewwel Qorti mank biss stħarrġet jekk it-tielet rekwiżit tad-difiża tal-*exceptio inadimpleti contractus* kienx ukoll sodisfatt minnha, u targumenta li dan wassal biex l-Ewwel Qorti ċaħditilha d-difiża tagħha b'mod prematur mingħajr ma xeħtet ħarsitha lejn il-provi kollha li ressqet.

20. Sfiq ma' dan, il-Korporazzjoni appellanti, tfisser li hija rnexxielha

wkoll tissodisfa t-tielet rekwiżit u dan billi fi kliemha, *«huwa ferm gravi għall-Korporazzjoni appellanta anke bħala entità pubblika li għandha d-dover li tassigura l-aħjar sigurtà u standards għall-utenti tas-servizzi tagħha, illi x-xogħlijiet kuntrattati minnha jkunu ta' ċertu livell.»*

21. Meqjus li dan l-aggravju jdur madwar iċ-ċaħda tal-ewwel eċċezzjoni tal-Korporazzjoni appellanti, li fih qajmet id-difiża tal-*exceptio inadimpleti contractus,* il-Qorti titlaq biex tgħid li l-Ewwel Qorti qalet sewwa li biex din ix-xorta ta' difiża tkun ta' fejda għal min iqajjimha, għandhom jirriżultaw tliet elementi u sewwasew: (i) li n-nuqqas tal-parti attriċi jrid jikkonsisti fi ksur ta' rabta li hija parti integrali mill-ftehim li dwaru jkunu msejsa l-pretensjonijiet tagħha; (ii) li l-parti attriċi tkun tassew taħti għal dak il-ksur; u (iii) li jkun hemm proporzjonalità bejn in-nuqqasijiet tal-partijiet, jiġifieri li dak in-nuqqas allegat fil-parti attriċi jkun ta' ċertu toqol jew gravità meta mqabbel man-nuqqas tar-rabta tal-parti mħarrka (ara ***Horizon Terminals Limited v. Harbour Investments Limited et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell, fit-23 ta' Frar, 2022).

22. Kif tifhimha din il-Qorti, dawn it-tliet rekwiżiti, u speċjalment dak tal-aħħar, huma mirja tal-prinċipju li mhux kull nuqqas fit-twettiq ta' xi kuntratt jista' jintuża bħala pretest biex iġib fix-xejn dik ir-rabta kuntrattwali (ara ***Suncrest Hotels plc v. Roger Degaetano et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ottubru, 2023). Tassew, huwa mgħallem u aċċettat li meta

l-inadempjenza ma tkunx waħda serja, l-eċċezzjoni tal-inadempjenza ma tkunx tqajmet b'rieda tajba (ara f'dan is-sens ***William Louis John Coyle v. Brian Vella et.*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-4 ta' Mejju, 2022).

23. Fil-kuntest ta' każijiet dwar xiljiet ta' nuqqasijiet fit-twettiq ta' kuntratti ta' appalt, ingħad imbagħad kemm-il darba, li sakemm id-difetti fix-xogħlijiet ma jkunux ta' sura «*sostanzjali*» jew «*essenzjali*», l-appaltatur ma jistax jitqies li jkun inadempjenti għalkollox, u f'ċirkostanzi bħal dawn il-kommittent ma jistax jitqies li jkollu raġuni tajba biex iħoll il-kuntratt (ara b'eżempju ***Hal Mann Limited v. Godfrey Saliba*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Frar, 2010, u ***Raymond Mallia noe. v. Martin Mizzi noe*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Mejju, 2003 (mhux appellata)).

24. Huwa mbagħad mifhum li sabiex id-difetti fix-xogħlijiet ikunu jistgħu jitqiesu bħala «*sostanzjali*» jew «*essenzjali*», dawn għandhom jippreġudikaw il-kwalità tax-xogħol jew inkella jċaħħdu lill-kommittent mill-iskop jew l-utilità li huwa jkun fittex li jikseb b'dawk ix-xogħlijiet (ara ***Joseph Falzon et v. Cherry Homes Limited et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fl-20 ta' Novembru, 2009 u ***Sapienza magħrufa bħala Sophie Spiteri v. Anthony Galea et*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-12 ta' Mejju, 2004 (mhux appellata)).

25. Bi tħaddim ta' dawn il-prinċipji għall-fatti tal-każ, il-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju ma jistax ikun ta' fejda għall-appellanti, u dan billi anke li kieku stess ikollu jiġi aċċettat li x-xogħlijiet li jidhru fir-ritratti stampati fuq ir-rapport tal-Inġinier Gino Micallef huma l-istess xogħlijiet li twettqu mill-kumpanija appellata, xorta waħda jibqa' l-fatt, li n-nuqqasijiet li dwarhom il-Korporazzjoni qiegħda tibni l-ewwel eċċezzjoni tagħha, mhumiex gravi biżżejjed li kienu jtuha l-jedd li ma tkomplix tagħti x-xogħol lill-kumpanija attriċi.

26. Mill-ġabra sħiħa tal-provi jirriżulta li n-nuqqasijiet li qiegħda tilmenta dwarhom il-Korporazzjoni ma huma xejn għajr dwar id-dehra tax-xogħlijiet jew aħjar il-livell ta' irfinar (*finishing*) li bih Peter Plant Limited kienet qiegħda tagħlaq il-wiċċ tal-art li tkun ħaffret sabiex twettaq ix-xogħlijiet li kienet titqabbad tagħmel fuq is-servizzi tal-ilma tal-Korporazzjoni. Kemm hu hekk, meta mistoqsi x'kienet il-problema fix-xogħlijiet ta' Peter Plant Limited, l-Inġinier Gino Micallef, li jaħdem mal-Korporazzjoni bħala prinċipal għar-reġjun ta' nofsinhar ta' Malta, fisser li ix-xogħol «*ma kienx ġie ffinixxjat b'mod sodisfaċenti*» (ara x-xhieda tal-Inġinier Gino Micallef, f'paġni 214 u 215 tal-atti tal-kawża).

27. Għalkemm huwa veru li fl-offerta teknika tal-kuntratt inkwistjoni, il-kumpanija appellata ddikjarat li kienet qiegħda tintrabat li tħares l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-ftehim qafas bin-numru CT2133/2014 (ara

kriterju 1.1, f'Dok A, f'paġna 19 tal-atti tal-kawża), u li minn dawk l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jirriżulta li bħala parti mix-xogħlijiet, l-appellata kellha tirrintegra l-wiċċ tat-triq fejn kienet ser tagħmel ix-xogħlijiet, u dan skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-Korporazzjoni (ara Dok SR1, f'paġna 190 tal-atti tal-kawża), il-Qorti jidhrilha li fl-aħħar mill-aħħar, l-għan ewlieni wara l-kuntratt, li dwaru hija din it-tilwima, kien li jsiru xogħlijiet ta' tiswija u titjib fis-servizzi tal-ilma tal-Korporazzjoni, fosthom tiswijiet u estensjonijiet fis-servizzi ta' distribuzzjoni tal-ilma u tibdil tal-arloġġi tal-ilma.

28. Tant hu hekk li, kemm fil-kuntratt li dwaru nbdiet din il-kawża, kif ukoll il-ftehim qafas li qiegħda ssir referenza għalih fl-istess kuntratt, hemm imniżżel li l-kuntratt huwa, «*for the execution of a number of small maintenance jobs on the water distribution network in Malta related to water service connections, maintenance on distribution mains and replacement of water metres*» (ara Dok A, f'paġna 6 tal-atti tal-kawża, kif ukoll Dok SR1, f'paġna 163 tal-atti tal-kawża).

29. B'dan kollu f'moħħha, il-Qorti jidhrilha li f'dan il-każ il-Korporazzjoni appellanti ma rnexxilhiex turi li l-għan ewlieni wara x-xogħlijiet li twettqu mill-kumpanija appellata ma ntlaħaqx. Dan għaliex, filwaqt li huwa kollu minnu li wħud mir-ritratti li hemm stampati fir-rapport tal-Inġinier Micallef juru xogħol, li anke f'għajnejn din il-Qorti ma tantx jidher pulit, u li x'aktarx

seta' jsir b'aktar galbu, dawk in-nuqqasijiet ma naqsu xejn mis-siwi li l-Korporazzjoni kienet qiegħda tfittex li tikseb mix-xogħlijiet tal-kumpanija appellata.

30. Fis-sewwa, il-Korporazzjoni ma ressqet l-ebda ilment jew prova li x-xogħlijiet li l-appellata wettqet fuq is-sistema tal-infrastruttura tal-ilma ma kinux tajba. Anzi, kollox juri li x-xogħlijiet tal-kumpanija appellata kienu ta' siwi kemm għall-Korporazzjoni, kif ukoll għall-utenti tas-servizzi tagħha.

31. Kemm hu hekk, John Agius li jaħdem bħala *team leader* mal-Korporazzjoni appellanti u li kien l-uffiċjal responsabbli li jassenja x-xogħol lill-kumpanija appellata, kif ukoll li jivverifika li dawk ix-xogħlijiet ikunu saru, ikkonferma li *«bħala regola»* huwa ma kellu l-ebda problema bix-xogħlijiet ta' Peter Plant Limited (ara x-xhieda ta' John Agius, fuq id-dahar ta' paġna 49 tal-atti tal-kawża).

32. Hekk ukoll, Saviour Baldacchino, li kien jaħdem bħala *operations manager* mal-Korporazzjoni appellanti u li anke kellu x'jaqsam max-xogħlijiet imwettqa minn Peter Plant Limited fisser li, *«[m]eta kien hemm xi problemi dejjem solvejnihom. Jiġifieri jekk inhu rigward ta' xogħol jew xi ħaġa»* (ara x-xhieda tiegħu f'paġna 78 tal-atti tal-kawża).

33. Filwaqt li minn dan biss diġà jidher ċar biżżejjed, li jekk kien hemm xi nuqqasijiet fix-xogħlijiet ta' Peter Plant Limited, dawn ma setgħux kienu ta' natura sostanzjali daqshekk kbira li kienu jagħtu raġuni tajba lill-Korporazzjoni biex tieqaf tagħti aktar biċċiet ta' xogħol lill-appellata, il-Qorti jidhrilha li fl-aħħar mill-aħħar kienet il-Korporazzjoni stess, li b'*email* tat-23 ta' Mejju, 2017 (ara Dok PP2, f'paġna 95 tal-atti tal-kawża), uriet li kienet aċċettat dawk l-istess xogħlijiet, li issa qiegħda tilmenta dwar id-dehra tagħhom.

34. Tassew, f'dik l-*email*, li fiha l-Korporazzjoni għamlet referenza diretta għax-xogħlijiet li twettqu minn Peter Plant Limited fix-xhur ta' Mejju, Ġunju u Lulju 2016, kif ukoll għall-fatt li l-*job sheets* għal dawk ix-xogħlijiet ġew iffirmati mit-*team leaders* tagħha, l-istess Korporazzjoni mhux biss infumat lill-kumpanija appellata li hija kienet ser tawtorizzalha l-ħlas għal dawk ix-xogħlijiet, iżda saħansitra talbitha sabiex tibagħtilha l-fatturi għal dawk l-istess xogħlijiet fl-ammonti ta' €1,021, €4,136.40, u €544 rispettivament.

35. Fil-fehma tal-Qorti, il-Korporazzjoni ma kinitx ser tawtorizza l-ħlas u eventwalment tħallas għax-xogħol (ara l-avviż tal-ħlas f'paġna 218 tal-atti tal-kawża), li kieku ma kinitx qiegħda tqis ix-xogħlijiet ta' Peter Plant Limited bħala kompluti u għas-sodisfazzjon tagħha. Dan aktar u aktar meta jirriżulta li dak il-ħlas sar wara li l-Korporazzjoni kienet rat

b'għajnejha x-xogħol li qiegħda issa tilmenta dwaru (ara x-xhieda ta' Jonathan Sciberras f'paġni 93 u 94 tal-atti tal-kawża), u li l-kuntratt kien fost affarijiet oħra, jispeċifika li l-ħlas għal ċertu xogħlijiet kellu jsir wara li x-xogħol ikun tlesta għas-sodisfazzjon tal-inġinier (ara Dok A, f'paġna 16 tal-atti tal-kawża).

36. Mhux b'inqas ta' rilevanza huwa mbagħad il-fatt, li fl-istess *email* tat-23 ta' Mejju, 2017, il-Korporazzjoni għarrfet lill-kumpanija appellata li hija kienet ser tkun qiegħda tagħtiha ħamsin biċċa xogħol oħra, b'żieda ma' dawk is-sebgħa u erbgħin biċċa xogħol li kienet ser tħallasha għalihom. Fil-fehma tal-Qorti, dan il-fatt tal-aħħar ikompli juri kemm il-kwalità tal-ewwel sebgħa u erbgħin biċċa xogħol kienet aċċettabbli għall-Korporazzjoni, u dan għaliex li kieku ma kienx hekk, il-Korporazzjoni kienet tkun marbuta li tittermina l-kuntratt b'riħet l-Artikolu 39.4 tal-kundizzjonijiet speċjali tal-kuntratt (ara Dok SR1, f'paġna 211 tal-atti tal-kawża).

37. B'żieda ma' dan, il-Qorti jidhrilha wkoll li f'dan il-każ il-Korporazzjoni appellanti ma mxiet xejn sewwa meta damet xhur sħaħ biex ħadet ir-ritratti tax-xogħlijiet li saru mill-kumpanija appellata, u dan meta kien ilha xhur li waqfet tagħti xogħol lill-kumpanija appellata fuq ix-xilja li kienet qiegħda tagħmel xogħol ħażin.

38. Kif jgħid il-Malti, il-ftira sħuna tajba, u la kull biċċa xogħol li ssir mill-kuntrattur tiġi spezzjonata mill-uffiċjali tal-Korporazzjoni, kemm għal għanijiet ta' verifika li jkun sar ix-xogħol, kif ukoll sabiex jiġi ċċertifikat l-kwalità tax-xogħol, l-uffiċjali tal-Korporazzjoni kellhom jaqbdu u jieħdu r-ritratti ta' dak ix-xogħol minnufih, u dan biex jiġu evitati sitwazzjonijiet bħalma ġraw f'dan il-każ, fejn ir-ritratti ttieħdu xhur wara li tlestew ix-xogħlijiet (ara x-xhieda ta' Jonathan Sciberras, f'paġni 93 u 114 tal-atti tal-kawża). Bilkemm għandu għalfejn jingħad, li meta r-ritratti jittieħdu xhur wara, dawk ir-ritratti ma jkunux juru b'mod preċiż, il-mod ta' kif il-kuntrattur ikun wettaq ix-xogħol, u dan għaliex huwa minn ewl id-dinja li mal-mogħdija taż-żmien, il-wiċċ tat-triq jaf jiddeġenera kemm minħabba l-elementi tan-natura, kif ukoll bl-intervent tal-bniedem bħal pereżempju bit-traffiku eċċessiv, bil-vetturi tqal, bl-asfaltar, jew inkella b'xogħlijiet oħra li jsiru fil-madwar.

39. Fuq kollox, sistema tajba u serja titlob li f'każ li jkun hemm xi xogħlijiet li għall-Korporazzjoni ma jitqiesux aċċettabbli, is-superviżur tax-xogħlijiet għandu minnufih jagħmel rapport bir-rimarki li għandu jiġi ffirmat mill-kuntrattur biex b'hekk ikun hemm prova tajba li l-kuntrattur ikun ġie mgħarraf mal-ewwel li x-xogħol ma jkunx ġie aċċettat mill-Korporazzjoni u sabiex jekk ikun possibbli jsewwi n-nuqqasijiet li jkun wettaq fl-iqsar żmien. Wara kollox dan huwa dak li kien jitlob il-kuntratt tal-Korporazzjoni stess, *viz*. li s-superviżur kellu, malajr kemm jista' jkun, jinnotifika lill-

kuntrattur bid-deċiżjoni li x-xogħlijiet tiegħu ma jkunux qegħdin jiġu aċċettati, kif ukoll bir-raġuniet għal dan (ara Dok SR1, f'paġna 178 tal-atti tal-kawża). F'dan il-każ, imkien mill-atti ma jirriżulta li l-Korporazzjoni appellanti bagħtet lil Peter Plant Limited xi avviż bħal dan, u għalhekk kollox juri li l-imsemmija Korporazzjoni kienet, fl-aħħar mill-aħħar, aċċettat ix-xogħlijiet li qiegħda issa tilmenta dwar id-dehra tagħhom.

40. Il-Korporazzjoni ma tistax għalhekk tippretendi li l-Ewwel Qorti kellha tilqa' d-difiża tagħha tal-*exceptio inadimpleti contractus* u għal dawn ir-raġunijet it-tieni aggravju tal-Korporazzjoni appellanti qiegħed jiġi miċħud.

41. Ngħaddu issa għall-**ewwel aggravju**, li fih il-Korporazzjoni appellanti qiegħda tgħid li l-Ewwel Qorti wasslet għad-deċiżjoni tagħha fuq *«asserzjonijiet li ma jirriżultawx mill-atti.»*

42. Wara li tagħmel għadd ta' referenzi għall-ġurisprudenza li tirreferi għall-prinċipju ta' *«quod non est in actis, non est in mundo»,* il-Korporazzjoni tispeċifika li l-ilment tagħha huwa dwar dak li ngħad f'paragrafu sbatax tas-sentenza appellata, li fih l-Ewwel Qorti esprimiet il-fehma tagħha, li l-fatt innifsu li l-Korporazzjoni damet aktar minn disa' xhur biex ħadet ir-ritratti tax-xogħlijiet li twettqu mill-kumpanija appellata, jixħet dubju dwar kemm id-deċiżjoni tagħha li ma tibqax tassenja aktar

xogħol lill-appellata kienet *«fil-fatt xprunata mill-kwalità tax-xogħol eżegwit mis-soċjetà attriċi.»*

43. Filwaqt li tilmenta li din il-konklużjoni mhijiex imsejsa fuq il-provi, il-Korporazzjoni tisħaq li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tagħmel *«asserzjoni»* bħal dik, u dan għaliex id-deċiżjoni tagħha setgħet tkun biss imsejsa fuq il-provi u xejn aktar. F'dan l-isfond, tinsisti li ma kellu jkun hemm l-ebda interpretazzjoni tal-fatt li hemm distakk ta' disa' xhur, bejn meta l-kumpanija appellata twaqqfet milli tiġi assenjata x-xogħlijiet u d-data ta' meta eventwalment ittieħdu r-ritratti, u f'dan is-sens targumenta li d-dewmien seta' kien dovut għal raġunijiet oħra bħal pereżempju burokraziija interna fil-Korporazzjoni jew inkella għaliex kien hemm xi tibdil fl-impjegati li kienu responsabbli mis-superviżjoni tax-xogħlijiet. Tgħid ukoll li hemm raġunijiet loġiċi għalfejn l-appellata ma baqgħetx tingħata aktar xogħol fosthom ix-xhieda ta' David Pace u dik ta' Jonathan Sciberras.

44. Mingħajr ma hemm għalfejn jingħad ħafna, il-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju mhuwiex tajjeb u fiċ-ċirkostanzi ma jista' jwassal lill-appellanti mkien.

45. Jibda billi jingħad, li l-kwistjoni dwar jekk huwiex minnu jew le, li l-Korporazzjoni ma baqgħetx tgħaddi aktar xogħol lil Peter Plant Limited

għaliex dehrilha li xogħolha ma kienx pulit, hija fis-sewwa immaterjali, ġaladarba li fil-konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel aggravju diġà rriżulta li l-Korporazzjoni ma kellhiex raġuni tajba biżżejjed biex tieqaf tagħti aktar xogħol lil Peter Plant Limited.

46. F'kull każ però, il-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju xorta waħda mhuwiex tajjeb u dan għaliex, fl-aħħar mill-aħħar, l-Ewwel Qorti wasslet għall-konklużjoni tagħha li l-Korporazzjoni appellanti ma kellhiex raġuni tajba li ma tkomplix tagħti aktar xogħol lill-kumpanija attriċi, wara li għarblet il-ġabra sħiħa tal-provi, u mhux għaliex qagħdet fuq il-fatt biss li l-Korporazzjoni damet aktar minn disa' xhur biex ħadet ir-ritratti tax-xogħlijiet imwettqa mill-kumpanija appellata. Kemm hu hekk, wara li għamlet bosta referenzi għall-provi, inkluż dawk li qiegħda tirreferi għalihom il-Korporazzjoni, l-Ewwel Qorti saħqet li hija kienet moralment konvinta li r-raġunijiet vera għalfejn il-Korporazzjoni ma baqgħetx tassenja xogħol lill-kumpanija appellata *«jmorru lil hinn mill-kwalità tax-xogħol eżegwit mill-istess Soċjetà Attriċi»* (ara paragrafu 36 f'paġna 20 tas-sentenza appellata).

47. Kif qiegħda tgħid sewwa l-kumpanija appellata fit-tweġiba għall-appell, hija kemm fir-responsabbiltà, kif ukoll fid-diskrezzjoni tal-Qorti li tiżen il-provi li jittressqu quddiemha u mbagħad tislet il-konklużjonijiet tagħha minnhom, u dan għaliex wara kollox dak huwa x-xogħol tal-Qorti

(ara ***Busy Bee Estates Limited v. Anthony Formosa et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Novembru, 2023). Kien sewwasew dan li għamlet l-Ewwel Qorti, u dak li l-Korporazzjoni appellanti qiegħda tqis bħala *«biss assunzjoni»* hija fil-fatt inferenza li l-Ewwel Qorti kellha kull setgħa li tasal għaliha mill-provi li tressqu quddiemha (ara wkoll f'dan is-sens ***Group Captain John Sowrey nomine v. Gioconda Cutajar*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Mejju, 2005).

48. F'kull każ, il-Qorti jidhrilha li l-inferenza li qiegħda tilmenta dwarha l-Korporazzjoni appellanti ma tistax titqies li hija mingħajr bażi jew bla raġuni valida. Tabilħaqq, il-loġika titlob li jekk kuntrattur ikun ser jitwaqqaf milli jagħmel aktar xogħlijiet minħabba nuqqasijiet fix-xogħlijiet tiegħu, ir-ritratti li jitpoġġew fir-rapport dwar dawk in-nuqqasijiet jittieħdu <u>qabel</u> ma tittieħed id-deċiżjoni li jitwaqqaf, u mhux aktar minn disa' xhur wara li l-kuntrattur ikun ilu li twaqqaf! Terġa' u tgħid, f'dan il-każ, il-Korporazzjoni appellanti lanqas biss ma ndenjat ruħha tressaq imqar l-iċken tifsira għalfejn hija damet daqshekk biex bagħtet lil xi ħadd jieħu dawk ir-ritratti. Jiġi b'hekk, li f'ċirkostanzi bħal dawn, l-ilmenti tal-Korporazzjoni appellanti ma jistgħux jitqiesu bħala mistħoqqa.

49. L-ewwel aggravju qiegħed għalhekk jiġi miċħud ukoll.

50. Imiss issa li nixħtu ħarsitna fuq it-**<u>tielet aggravju</u>**, li fih il-

Korporazzjoni qiegħda tikkontesta l-mod dwar kif l-Ewwel Qorti likwidat id-danni li ġiet ikkundanata tħallas lill-kumpanija appellata.

51. Il-Korporazzjoni appellanti tibda billi tfisser li l-Ewwel Qorti likwidat id-danni fis-somma ta’ €74,178.60, billi telqet mis-somma ta’ €79,880, u minn dak l-ammont naqset is-somma ta’ €5,701.40, li tirrappreżenta l-ammont li hija kienet ħallset lill-kumpanija appellata għax-xogħol li kienet diġà laħqet wettqet skont il-kuntratt.

52. Tilmenta li l-iżball tal-Ewwel Qorti jikkonsisti fil-fatt li dik il-Qorti ma setgħetx tibbaża l-likwidazzjoni tagħha fuq is-somma ta’ €79,880, u dan għaliex dak l-ammont ma kienx jirrappreżenta l-valur tal-kuntratt, iżda l-valur massimu tax-xogħlijiet li hija setgħet tassenja lill-kumpanija appellata. Tissokta billi tfisser li l-kuntratt bl-ebda mod ma kien jiggarantixxi lill-appellata li kienet ser tingħata xogħol b’dak il-valur kollu, u fuq kollox tgħid li dak l-istess ammont lanqas ma jirrifletti l-ammont li fl-aħħar mill-aħħar il-kumpanija appellata kien ser jibqgħalha fil-but bħala profitti.

53. Fid-dawl ta’ dan, il-Korporazzjoni appellanti tilmenta li l-ammont likwidat mill-Ewwel Qorti huwa sproporzjonat, anke meta jitqies li fi żmien tliet xhur, il-kumpanija appellata ġiet assenjata sebgħa u erbgħin biċċa xogħol b’valur globali ta’ €5,701. Targumenta li dan ifisser li fl-ewwel tliet

xhur il-kumpanija appellata kienet qiegħda tiġi assenjata xogħlijiet b'valur medju ta' €1,900.33 fix-xahar, u tgħid li jekk dan l-ammont jittieħed bħala bażi għal tnax-il xahar, iwassal għas-somma totali ta' €17,102.97, li hija bil-wisq anqas minn dik li wasslet għaliha l-Ewwel Qorti.

54. Barra minn hekk, hija tissokta billi tirreferi wkoll għall-prospett tad-danni mressaq mill-kumpanija appellata stess, fejn fih wasslet għall-ammont ta' €106,052.20 bħala telf ta' qligħ fuq medda ta' tliet snin. F'dan is-sens, il-Korporazzjoni appellanti targumenta li anke jekk wieħed kellu joqgħod fuq il-kalkoli tal-kumpanija appellata stess, dan iwassal għal somma ferm inqas minn dik likwidata mill-Ewwel Qorti. Dan għaliex, ġaladarba anke għall-Ewwel Qorti, il-kuntratt kien għal sena waħda u mhux għal tlieta, l-ammont likwidat kellu jkun ta' €35,350.73 ($^{1}/_{3}$ tas-somma ta' €106,052.60 indikata fil-prospett tad-danni, li nħadem mill-kumpanija appellata fuq tliet snin).

55. Fil-fehma tal-Qorti dan l-aggravju huwa mistħoqq, u dan għal aktar minn raġuni waħda.

56. Jibda billi jingħad li m'għandux ikun hemm dubju li l-kuntratt mertu tal-kawża ma kienx għall-prezz globali iżda għal kull unità ta' xogħol *(unit price contract*) (ara Dok A, f'paġni 15 u 16 tal-atti tal-kawża). L-istess kuntratt kien ukoll jagħmilha ċara li l-ammonti mniżżla fil-kont ta'

kwantitajiet (*bill of quantities*), li minnu ħareġ il-valur ta' €79,880, kien biss stima u b'mod partikolari kien ukoll jispeċifika li, *«[t]here is no guarantee to the Contractor that he will be required to carry out the quantities of work indicated under any one particular item in the bill of quantities or that the quantities will not differ in magnitude from those stated»* (ara klawsola 1.1, f'paġna 15 tal-atti tal-kawża).

57. Jekk dan ma kienx biżżejjed, fil-kundizzjonijiet speċjali tal-ftehim qafas, li japplikaw bis-sħiħ għall-kuntratt inkwistjoni (ara Taqsima 3 ta' Dok A, f'paġna 9 tal-atti tal-kawża), il-Kuntrattur kien imbagħad imwissi li għalkemm il-Korporazzjoni kienet ser tagħmel l-almu tagħha biex tassenjalu x-xogħol fuq bażi regolari, seta' jkun hemm żminijiet fejn dan ma kienx ser ikun possibbli (ara klawsola 61.10, fid-dahar ta' paġna 173 tal-atti tal-kawża).

58. Hekk ukoll, fil-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratt, hemm imtenni li l-ammonti fil-kont ta' kwantitajiet kien jirrapreżenta biss stima tax-xogħol u l-kuntrattur ma kellux iqis dawk il-kwantitajiet bħala l-ammont attwali ta' xogħol li kien ser jitqabbad jagħmel fit-twettiq tal-kuntratt (ara klawsola 47.1 (b) (ii) tal-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratt, fid-dahar ta' paġna 179 tal-atti tal-kawża).

59. B'dan kollu f'moħħha, il-Qorti jidhrilha li l-Korporazzjoni għandha

raġun meta qiegħda tilmenta li l-Ewwel Qorti ma kellhiex taħdem id-danni fuq is-somma ta’ €79,880.00, u dan billi fost affarijiet oħra, il-kumpanija appellata ma kellha l-ebda garanzija li kienet ser tingħata xogħol b’dak il-valur kollu. Għall-istess raġunijiet, il-Qorti jidhrilha li l-appellata qiegħda tgħid ħażin li hija kellha xi aspettattiva leġittima li tirċievi s-somma sħiħa ta’ €79,880.00.

60. Anke però li kieku stess wieħed kellu jassumi li l-Korporazzjoni appellanti kienet ser tagħti lill-kumpanija appellata, xogħol b’valur sħiħ ta’ €79,880.00, jibqa’ xorta waħda l-fatt li l-Ewwel Qorti ma setgħetx taqbad u taħdem id-danni fuq dak l-ammont, u dan għaliex kif qiegħda tgħid sewwa l-Korporazzjoni, dak l-ammont seta’ jirrappreżenta biss <u>id-dħul</u> u mhux <u>il-profitt</u> li fl-aħħar mill-aħħar kien ser jibqa’ fil-but ta’ Peter Plant Limited, wara li jiġu mnaqqsa l-ispejjeż involuti biex ikun jista’ jitwettaq ix-xogħol.

61. Fis-sewwa l-**Artikolu 1135 tal-Kodiċi Ċivili**, li qiegħda tirreferi għalih il-kumpanija appellata, u li l-Korporazzjoni appellanti mhijiex qiegħda tikkontesta l-applikabilità tiegħu, jipprovdi li d-danni li għandhom jitħallsu lill-kreditur ta’ obbligazzjoni huma *«għat-telf li jkun bata’ u l-qligħ li jkun ġie mtellef.»* Hekk ukoll, fl-**Artikolu 1640(2) tal-Kodiċi Ċivili**, li sa ċertu punt jirrifletti l-istess prinċipju għall-każijiet ta’ terminazzjoni ta’ appalt mingħajr raġuni tajba (ara f’dan is-sens ***Joseph Dalli et v.***

***Mediterranean Film Studios Limited*** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' April, 2010), insibu fih li jekk il-kommittent ma jkollux raġuni valida biex iħoll il-kuntratt, dan għandu jħallas lill-appaltatur, *«l-ispejjeż kollha tax-xogħol tiegħu, flimkien ma' somma li tiġi meqjusa mill-qorti, skont iċ-ċirkostanzi, iżda mhux iżjed mill-qligħ li l-appaltatur seta' jagħmel b'dak l-appalt.»*

62. Fil-fehma tal-Qorti, qajla għandu jkun hemm xi dubju li bil-kelma «*qligħ*», il-liġi qiegħda tirreferi għall-profitt li jkun ser jibqa' fil-but tal-kreditur tal-obbligazzjoni jew l-appaltatur, u mhux għad-dħul (ara ***Carmel sive Carlo Schembri v. Mario Hammett*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-26 ta' Ottubru, 2022). Tant hu hekk, li anke fil-verżjoni bl-Ingliż tal-**Kodiċi Ċivili**, kemm fl-**Artikolu 1135**, kif ukoll fl-**Artikolu 1640(2)**, il-kelma «*qligħ*» hija tradotta bħala *«profit/s».*

63. Fuq kollox, anke mill-prospett tad-danni tal-kumpanija appellata stess (ara Dok B, f'paġna 25 tal-atti tal-kawża) jidher biċ-ċar li d-danni mfittxija mill-kumpanija appellata jikkonsistu f'telf ta' profitti u mhux fit-telf ta' dħul. Kemm hu hekk, minn dak il-prospett jidher li l-kumpanija appellata wasslet għall-ammont ta' danni ta' €35,350.73 fis-sena billi ħadmet il-marġini ta' profitti tagħha bil-persentaġġ ta' 52.80%, u applikat dik ir-rata ta' profitt fuq il-valur massimu tal-kuntratt ta' €79,000 fis-sena, bl-esklużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud.

64. Fl-aħħar nett, ma jistax ma jiġix ukoll osservat li ġaladarba kienet il-kumpanija appellata stess, bħala l-attriċi f'din il-kawża, li ressqet prova li t-telf ta' qligħ tagħha kien fl-ammont ta' €35,350.73 fis-sena, l-Ewwel Qorti, ma setgħetx taqbad u tagħtiha kważi d-doppju ta' dak li kienet qiegħda tippretendi u sewwasew is-somma ta' €74,178.60 bħala telf ta' profitti għal sena waħda.

65. Kollox għalhekk juri li l-likwidazzjoni li saret mill-Ewwel Qorti mhijiex tajba u għalhekk jeħtieġ li din il-Qorti terġa' tillikwida d-danni mill-ġdid.

66. Fil-fehma tal-Qorti, hemm bosta konsiderazzjonijet xi jsiru sabiex il-Qorti tkun tista' tillikwida t-telf ta' profitti mfittxija mill-kumpanija appellata.

67. Fl-ewwel lok, bħall-Ewwel Qorti, din il-Qorti jidhrilha li f'dan il-każ, il-kumpanija appellata ma tistax tippretendi li tiġbor it-telf ta' profitt fuq medda ta' tliet snin u dan għaliex kemm il-kuntratt inkwistjoni, kif ukoll il-ftehim qafas li jirreferi għall-kuntratti bħal dawk li dwaru hija din il-kawża, jagħmluha ċara li l-kuntratt kellu jkun validu għal massimu ta' sena u mhux aktar (ara klawsola 2 ta' Dok A, f'paġna 6 tal-atti tal-kawża u klawsola 32.1 tal-kundizzjonijiet speċjali tal-ftehim qafas li tinsab f'Dok SR1, f'paġna 211 tal-atti tal-kawża).

68. Min-naħa l-oħra, il-Qorti però ma tarax għalfejn m'għandhiex taħdem id-danni fuq il-marġini ta' profitt imniżżel fil-prospett tad-danni tal-kumpanija appellata, u dan għaliex minbarra li l-prospett tad-danni huwa maħluf mill-kontabbli li ħadmu (ara paġni 41 u 42 tal-atti tal-kawża), il-Korporazzjoni la kkontestat dak il-marġini ta' profitt, u wisq anqas ma għamlet xi kontroeżami lil Neville Trapani, li b'affidavit fisser kif wasal għall-figuri mniżżla fil-prospett tad-danni (erġa' ara paġni 41 u 42 tal-atti tal-kawża). Il-Qorti ser tkun qiegħda għalhekk taħdem it-telf ta' qligħ fuq il-marġini ta' profitt ta' 52.80%.

69. Il-pass li jmiss huwa li tiġi ffissata somma li tirrappreżenta l-valur approssimattiv tax-xogħol li l-kumpanija appellata setgħet raġonevolment tiġi assenjata f'sena mill-Korporazzjoni appellanti.

70. Għar-raġunijiet li tfissru aktar kmieni, il-Qorti jidhrilha li l-valur approssimattiv tax-xogħol m'għandux ikun dak ta' €79,000, li fuqu l-kumpanija appellata bbażżat il-kalkoli tagħha. Min-naħa l-oħra, l-Qorti però lanqas ma taqbel mal-Korporazzjoni appellanti meta qiegħda tgħid li l-valur approssimativ tax-xogħol għandu jkun ibbażat fuq il-medja tal-valur tax-xogħol li hija għaddiet lill-kumpanija appellata sakemm ma baqgħetx tassenjalha aktar xogħol. Il-Qorti hija ta' din il-fehma għaliex fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-ftehim qafas, li kienu japplikaw bi sħiħ għall-kuntratt inkwistjoni (ara kriterju 1.1, f'paġna 19 tal-atti tal-kawża), hemm

imniżżel li l-kuntrattur ried ikun kapaċi jwettaq minn tal-inqas għaxar biċċiet tax-xogħol fil-ġimgħa (ara klawsola 10, f'paġna 191 tal-atti tal-kawża), li jfisser li x'aktarx il-kuntrattur kien ser jingħata aktar minn ħames mija u għoxrin biċċa xogħol f'sena (52 ġimgħa x 10 = 520). Dan l-ammont huwa bil-wisq aktar mill-medja tax-xogħol li l-appellata ngħatat fil-bidu tal-kuntratt, u minħabba f'hekk il-Qorti ma jidhrilhiex li l-valur approssimattiv tax-xogħlijiet għandu jkun dak li qiegħda tipproponi l-Korporazzjoni.

71. Fil-fehma tal-Qorti, l-aktar mod ekwu li f'dan il-każ, jistgħu jiġu likwidati bih id-danni, huwa billi tiġi applikata rata ta' tnaqqis ta' għoxrin fil-mija (20%) fuq l-ammont tal-valur massimu tal-kuntratt ta' €79,880.00 (bit-tnaqqis ulterjuri tat-taxxa fuq il-valur miżjud), biex min-naħa 'l waħda dan jirrifletti l-fatt li l-kumpanija appellata ma kellha l-ebda garanzija li f'sena waħda hija kienet ser tiġi assenjata xogħol b'dak il-valur kollu, u fl-istess waqt ma jitwarrabx il-fatt, li fl-aħħar mill-aħħar, il-kont tal-kwantitajiet li minnu ħareġ il-valur ta' €79,880.00, kien imsejjes fuq *«an estimate of the quantity of each kind of work likely to be carried out under the contract»* (ara Dok. A, f'paġna 15 tal-atti tal-kawża). Il-valur approssimattiv tax-xogħlijiet li fuqu għandu jinħadem it-telf ta' qligħ, wara li mis-somma ta' €79,880 titnaqqas it-taxxa fuq il-valur miżjud bir-rata ta' 18% u wara li mis-somma li toħroġ jiġi mnaqqas 20% ulterjuri minħabba li l-kumpanija appellata ma kellhiex garanzija li kienet ser titqabbad tagħmel ix-xogħol kollu; dan iħallina għas-somma ta' <u>€54,155.93</u>

(€79,880.00 ÷ 1.18 = €67,694.92 - 20% = €54,155.93).

72. Kif għidna qabel, il-valur approssimattiv tax-xogħlijiet jirrappreżenta biss id-dħul u mhux il-qligħ li Peter Plant Limited kien ser jibqgħalha f'butha u għalhekk, jekk napplikaw il-marġini ta' profitt bir-rata ta' 52.80% (imsemmi mill-kumpanija appellata stess fil-prospett tagħha) fuq l-ammont ta' €54,155.93, naslu għall-ammont ta' <u>€28,594.33</u> (€54,155.93 x 52.8% = €28,594.33).

73. Billi dan l-ammont jinkludi ġewwa fih ukoll il-profitti li l-kumpanija appellata laħqet daħlet f'butha mis-sebgħa u erbgħin biċċa xogħol li tħallset għalihom mill-Korporazzjoni appellanti (ara l-avviż tal-ħlas fl-ammont ta' €5,701.40, f'Dok WSC1, f'paġna 218 tal-atti tal-kawża), jeħtieġ li mill-ammont ta' €28,594.33, nagħmlu tnaqqis ieħor li jirrifletti l-marġini ta' profitt fuq l-ammont ta' €5,701.40. B'applikazzjoni tal-istess rata ta' 52.8% fuq is-somma ta' €5,701.40, flimkien mat-tnaqqis tat-taxxa fuq il-valur miżjud, naslu għas-somma ta' €2,551.13 (€5,701.40 ÷ 1.18 = €4,831.69 x 52.8% = €2,551.13), li jekk innaqsuha mill-ammont ta' €28,594.33, naslu għas-somma finali ta' <u>**€26,043.20**</u>.

74. It-tielet aggravju ser ikun għalhekk qiegħed jiġi <u>**milqugħ**</u>, u t-tieni u t-tielet kapi tal-parti dispożittiva tas-sentenza appellata ser ikunu qegħdin jiġu mibdula fis-sens li l-ammont ta' €74,178.60, ser jiġi mnaqqas għall-

ammont ta' €26,043.20.

75. Jifdal biss ir-**<u>raba' aggravju</u>**, li fih il-Korporazzjoni appellanti qiegħda tilmenta dwar id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti sa fejn għandu x'jaqsam l-imgħax. Hawnhekk, l-appellanti tfakkar li Peter Plant Limited ma talbitx somma determinata u f'dan ir-rigward tirreferi għall-ġurisprudenza li fiha jingħad li meta l-Qorti tintalab biex tillikwida d-danni, l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu mid-data tas-sentenza. Targumenta li kien biss fid-data li ngħatat is-sentenza appellata li hija saret taf kemm kellha tassew tagħti lill-kumpanija appellata bħala danni, u fid-dawl ta' dan tissottometti li fil-każ li l-bqija tal-aggravji tagħha jiġu miċħuda, l-interessi għandhom fl-agħar xenarju għaliha jibdew jgħaddu mid-data tas-sentenza appellata, u sewwasew mis-26 ta' Ġunju, 2020.

76. Fil-fehma tal-Qorti anke dan l-aggravju huwa tajjeb.

77. Kif qiegħda tgħid sewwa l-Korporazzjoni appellanti, f'dan il-każ Peter Plant Limited ma talbitx xi somma determinata bħala danni u minflok talbet lill-Ewwel Qorti sabiex *«tillikwida d-danni sofferti mis-soċjetà rikorrenti».* Huwa wkoll rilevanti l-fatt li għalkemm l-kumpanija appellata hemżet prospett tad-danni flimkien mar-rikors maħluf, f'dak il-prospett, Peter Plant Limited kienet qiegħda tippretendi s-somma ta' €106,052.20 li hija bil-wisq aktar minn dik li ġiet likwidata mill-Ewwel Qorti.

78. Terġa' u tgħid, kif irriżulta f'dan l-appell, il-likwidazzjoni tad-danni ma kinitx xi waħda faċilment determinabbli u kienet ukoll tinvolvi ċertu ġudizzju diskrezzjonali tal-Qorti, billi kif rajna l-kuntratt ma kienx xi wieħed bi prezz globali, u anke l-kwantità ta' xogħol li l-appellata setgħet tiġi assenjata ma kienx xi wieħed fiss jew determinat minn qabel. Barra minn hekk, fil-protest ġudizzjarju tas-26 ta' Mejju, 2017 li qiegħda tirreferi għalih il-kumpanija appellata fit-tweġiba għall-appell, ma ssemma l-ebda ammont speċifiku ta' danni. Anzi f'dak il-protest, Peter Plant Limited sempliċement talbet lill-Korporazzjoni sabiex *«tersaq għall-likwidazzjoni u ħlas ta' danni.»*

79. Għalkemm li l-kumpanija appellata qiegħda tgħid sewwa li l-prinċipju ta' *in illiquidis non fit mora* mhuwiex xi wieħed assolut, anzi jippermetti ħafna eċċezzjonijiet (ara b'eżempju ***Anthony Mifsud et v. Raymond Martin Camilleri et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lulju, 2020), il-Qorti jidhrilha li minħabba ċ-ċirkostanzi li għadha kif tirriferi għalihom fil-paragrafu ta' qabel dan, f'dan il-każ, jista' jingħad li l-Korporazzjoni appellanti tassew ma kinitx taf kemm kellha tħallas u għalhekk ma tistax titqies li kienet moruża fil-pagament tad-danni, anke jekk l-obbligazzjoni kienet waħda ta' sura kummerċjali (ara f'dan is-sens ***Il-Periti Arkitetti Alexander Bezzina et v. Gasan Enterprises Limited*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2022).

80. B'żieda ma' dan, lanqas ma jista' jitħalla barra l-fatt, li f'dan l-appell il-Qorti għadha kif laqgħet it-tielet aggravju tal-appellanti li wassal għal-likwidazzjoni mill-ġdid tad-danni f'somma li hija ħafna anqas minn dik likwidata mill-Ewwel Qorti. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan il-fatt wassal ukoll biex lanqas ma jista' jingħad li l-Korporazzjoni appellanti kienet moruża mid-data tas-sentenza appellata, u minħabba f'hekk, il-Qorti jidhrilha li jkun biss ġust li l-imgħaxijiet jibdew jgħaddu mid-data ta' din is-sentenza u mhux mid-data tas-sentenza appellata (ara f'dan l-istess kuntest ***Angelo Xuereb pro et noe v. Ministru Għall-Iżvilupp tal-Infrastruttura et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ottubru, 2023).

81. Fuq nota aħħarija, il-Qorti tosserva li minkejja li fit-talba finali l-Korporazzjoni appellanti talbet lill-Qorti sabiex tilqa' l-eċċezzjonijiet tagħha u dan bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-kumpanija Peter Plant Limited, il-Korporazzjoni appellanti la ressqet xi aggravju speċifiku kontra ċ-ċaħda tat-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tagħha, u lanqas ma ressqet xi raġunijiet għalfejn din il-Qorti għandha tibdel il-kap tal-ispejjeż tas-sentenza appellata.

82. Din il-Qorti għamlitha ċara kemm-il darba li sakemm l-appellant ma jsostnix it-talbiet finali b'argumenti speċifiċi għalfejn id-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti tkun żbaljata, it-talbiet li ma jkunux sostnuti b'argumenti ma jiġux

ikkunsidrati (ara f'dan is-sens: ***L-Avukat Dottor Mark Attard Montalto et v. L-Avukat Dottor Michelle Tabone et*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Lulju, 2023, u ***Mark Muscat v. HSBC Bank Malta plc*** mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju, 2023). Il-Qorti mhijiex għalhekk ser tkun qiegħda tistħarreġ jekk l-Ewwel Qorti kellhiex raġun li tiċħad it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-Korporazzjoni u f'kull każ, lanqas ma jidhrilha li hemm lok għal xi bdil fil-kap tal-ispejjeż fejn għandu x'jaqsam mal-proċeduri ta' quddiem l-Ewwel Qorti, ladarba l-kumpanija appellanti ħarġet telliefa fihom.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija, din il-Qorti qiegħda **tilqa' f'parti minnu** l-appell tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, b'dan illi qiegħda tirriforma s-sentenza appellata billi minflok l-ammont ta' €74,178.60 bl-imgħax kummerċjali bir-rata ta' 8% mid-data tal-pagament dovut sal-ħlas tal-pagament effettiv, din il-Qorti tillikwida l-ammont ta' €26,043.20 bħala danni li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma qiegħda tiġi kkundannata tħallas lil Peter Plant Limited, bl-imgħax bir-rata ta' 8% mid-data ta' din is-sentenza sakemm isir il-ħlas kollu. Mill-bqija s-sentenza appellata għandha tibqa' kif inhi, anke fejn għandu x'jaqsam mal-ispejjeż ġudizzjarji.

Fl-aħħar nett, billi ġew milqugħa żewġ aggravji biss minn erbgħa, il-Qorti tordna li l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jitħallsu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da